IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru9 (disa') tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar l-20 ta' Frar, 2025, fil-5pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsillier | Mary Doris Borg |
| | Raymond Duncan |
| | Antonia Buttigieg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**9.1. Item Nru 9.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

9.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.05pm u kulħadd kien preżenti.

**9.2 Item Nru. 9.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

9.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u kien hemm dawn il-korrezzjonijiet:

Minuta 8.4.7 trid tiġi €4 minflok €20.
Minuta 8.4.11 Il-mistoqija kienet "għalfejn qed isir is-sampling?" mhux jekk "jistax isir is-sampling".
Minuta 8.4.16 Dwar tax-Xarolla Antonia Buttigieg kienet qalet li bilfors kellha tagħmel ir-riklam qabel għax 11-il ġurnata biss kien fadal.

Wara dawn il-korrezzjonijiet il-Minuti ġew approvati unanimament.

**9.3 Item Nru. 9.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

9.3.1 Is-Sindku qal li tal-BCRS għaddej jinstema l-appell. Il-Permess mil-Planning Authority ħareġ 10m -il fuq però hu qallhom biex ipoġġuha hemm biex ma jintilifx parking. Xgħajra Scouts qed joġġezzjonaw minħabba parking, traffic u ħmieġ.

Wara diskussjoni kien hemm qbil li jekk tibqa problema issir applikazzjoni oħra u jsiru aktar -il fuq fid- daħla tal-Pjazza ta' fejn l-iskola. Il-Kunsill qabel li nistennew aktar kif ħa jiżvolġi l-appell.

9.3.2 Is-Sindku qal l-ħajt perikoluż li hemm fi Triq l-Awrat ħareġ il-permess nhar it-13 ta' Frar u issa ser naraw kif ser nibqgħu mal-Public Works. Hu kompla u qal li għandna wkoll ħitan perikolużi oħra bħal dak ta' Triq l-Iskola kantuniera ma' Triq Dwardu Ellul u Triq it-Torri t' Alof de Wignacourt.

9.3.3 Is-Sur Attard qal li dwar ir-railing tax-xatt il-public works lestew in-naħa sal-bus stop Xgħajra u issa minn nhar it-Tnejn li ġej ser jibda il-kuntrattur li tqabbad b'tender mil-Public Works. Dan diġa tkellimna miegħu sabiex naraw kif ser jitqassam ix-xogħol pero sibna problema li is-sottobank spiċċut u saħansitra hemm postijiet fejn huwa ineżistenti. Għandna nitkellmu mal-Public Works sabiex naraw kif ser nipproċedu u jiġi xogħol tajjeb mil-ewwel.

Is-Sur Michael Mifsud issuggerixxa li dan is-sotto bank isir kollu tat-travertine. Għalhekk talab li nġibu stima tiegħu kemm jiġi jiswa.

9.3.4 Is-Sindku qal li l-problema tal-ilma tal-hall ġiet solvuta għal-99%. Ix-xogħol kien jitratta li inqala' taħt il-ħamrija, sar il-konkos fil-garage, saru l-fili u membrane. Il-katusi li jinżlu mil-ħwat ser jiġu kkonnettjati u l-ilma jibda jispara għal ġol bir. L-ispiża ġiet €13,000 inkluż il-VAT bl-approvazzjoni tad-DLG.

Qiegħed isir xogħol ieħor fl-entratura ta' bejn il-bandli u l-Hall billi jsir ċint ġdid u jiġi evitat periklu li wieħed jista jaqa'. Dan hemm spejjeż ta' madwar €3,000.

Il-parti li ma fihiex konkos iġifieri aktar lejn il-grawnd sar xogħol ta' tindif u livellar dan ammonta għal €3,500. Dan ser iservi għal quddiem meta jibda xi xogħol biex jitkompla l-proġett.

Il-Kunsill għandu ħsieb li jsir Padel Court mal-Privat permezz ta' Concession. Is-Sur Michael Mifsud qal li hu mhux ser jaqbel qabel ir-residenti jkunu jafu b'dan il-ħsieb tal-Kunsill u għalhekk ippropona li ssir laqgħa mar-residenti fis-6 ta' Marzu.

**Bidla fl-ordni tal-Agenda -** Is-Sindku qal li ser ngħaddu għal item 9.6 sabiex fil-preżenza ta' Accountant Karl Cutajar niddiskutu r-rapport tar-raba' kwart kif ukoll ir-rapport annwali finanzjarju.

Is-Sur Karl Cutajar ippreżenta r-rapport tar-raba' kwart u faħħar il-progress li sar tul is-sena 2024 li minkejja kienet sena ta' Elezzjoni il-Kunsill irnexxielu jispiċċa b' surplus ta' €32,000.

Wara din l-ispjega fid-dettal ittieħed il-vot biex jiġi approvat dan ir-rapport u ġie approvat b' 4 voti favur u astenzjoni waħda.

Sussegwentement imbgħad is-Sur Cutajar għadda sabiex jispjega r-rapport Finanzjarju Annwali. Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament.

**Tkompli l-laqgħa skond l-agenda**

9.3.5 Is-Sindku tkellem fuq skema li applikajna għaliha dwar il-batteria delle grazie biex tiġi restawrata.

**9.4 Item Nru 9.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

9.4.1 Is-Sur Michael Mifsud qal li għandna ilmenti minn residenti ta' Triq l-Iskola li qed jitilgħu bi speed eċċessiv u tajjeb inwaħħlu xi tip ta' sleeping police jew calmers.

9.4.2 Is-Sa. Borg qalet li l-Kunsill tat-tfal issa għandha team u ser jibdew biex naraw kif ħa jmorru.

9.4.3 Is-Sa. Borg staqsiet dwar il-bozza ta' Triq l-ispnott ma' Dawret ix-Xatt. Is-Segretarju qallha li minkejja diversi reminder l-enemalta għadhom ma għamluwiex.

9.4.4 Is-Sa. Borg staqsiet meta ser titneħħa l-yukka ta' fejn il-monument tal-Ħelsien. Is-Sindku qal li din ser titneħħa fil-ġimgħat li ġejjin. Sar qbil ukoll li jsir xogħol ta' manutenzjoni tal-ħajt ingenerali u niżirgħu fjuri u nagħmlu xi dawl.

Is-Sur Michael Mifsud issuġġerixxa hawn ukoll li l-ħajt isir bit-travertine.

9.4.5 Is-Sa. Borg qalet ukoll li hemm bżonn tinżabar is-siġra taż-żebbuġ għaliex igguffat ħafna. Is-Sur Mifsud qal li għal dik irridu napplikaw għal clearance mil-ERA.

9.4.6 Is-Sa. Borg staqsiet dwar il-problema tal-ilma meta tagħmel ix-xita qed jidħol fil-parapett ta' quddiem f'wesgħet il-Ħelsien. Is-Sindku qal li diġa għamilniha hump żgħira bil-konkos filkas ngħolluha ftit ieħor.

9.4.7 Is-Sa Borg staqsiet dwar il-ħajt perikoluż li jinsab quddiem id-dar tagħha u l-kunsill qabel li niktbu lil-Land Department sabiex naraw huwiex privat u naraw ukoll min hu responsabbli minnu.

9.4.9 Is-Sur Raymond Duncan qal li kellna skema ta' Project Green u applikajna biex inħaddru iktar il-lokal. Applikajna ghal Dawret ix-Xatt, fejn il-Milord, fejn il-Bandli u fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja fuq il-grawnd.

9.4.10 Is-Sur Duncan qal li hemm bzonn niżbru l-palm li hemm Fort Park. Huwa tkellem mal-għammieri u rridu naraw ezattament ta' xiex inhuma għaliex minħabba li hemm minnhom tat-tamal ikunu jridu jinżabru fi żmienhom.

9.4.11 Is-Sur Duncan staqsa fuq it-tabella li kellna nagħmlu Fort Park biex tindika li hemm periklu u bħala Kunsill inkunu kkaverjati. Is-Sindku qallu li ser jordnaha.

9.4.12 Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ staqsiet dwar l-ittra li kellna nibgħatu lir-residenti ta' Triq Santa Tereża. Is-Sindku qallha li lesta u ser nibgħatuha fil-jiem li ġejjin.

9.4.13 Is-Sa. Buttiġieġ staqsiet dwar fetħa ġdida fi Triq it-torri t' Alof De Wignacourt li saret dan l-aħħar. Is-Sindku qallha li dik kien hemm il-Planning Authority imdaħħlin fiha u ittieħdet azzjoni.

9.4.14 Is-Sa. Buttiġieġ ipproponiet li għal nhar San Girgor issir ħarġa Kulturali sa Marsaxlokk. Is-Sa. Doris Borg qalet li hi kellha wkoll xi ħaġa ippjanata għal anzjani. Dak in-nhar. Wara li nqala' argument is-Sindku iddeċieda li jekk ma jsirux flimkien ma jsirux.

**9.5 Item Nru. 9.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

9.5.1 Ir-rapport tar-raba' kwart ġie ippreżentat aktar kmieni fil-laqgħa

**9.6 Item Nru. 9.6 fuq l-Aġenda – Rapport Finanzjarju Annwali**

9.6.1 Ir-rapport Finanzjarju Annwali ġie diskuss u approvat aktar kmieni fil-laqgħa

**9.7 Item Nru. 9.7 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

9.7.1 Ma kienx hemm xogħol ieħor

**9.8 Item Nru. 9.8 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

9.8.1 Pagamenti b'numru 8 ġew approvati unanimament.

**9.9 Item Nru. 9.9 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet**

9.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**9.10 Item Nru. 9.10 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

9.10.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 ta' Marzu fl-4pm

| | |
|---|---|
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |